# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 611/2021 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**CC**

**U**

**LB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CC u LB datat 10 ta' Dicembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016), certifikat ta' zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Dejan Debono data nhar l-erbatax (14) t'Ottubru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja datata nhar il-hamsa (5) t'Ottubru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021), liema kuntratt huwa hawn anness bhala Dok 'B';*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot ghar-rikonciljazzjoni bejniethom peress li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-esponenti ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minn*

*xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tar-rikorrenti, liema affidavits li qieghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok 'C' u 'D', jissodisfa il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;*

1. *Tiddikjara iz-zwieg bejn CC u LB, iccelebrat nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffisat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Regsistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet li permezz taghha iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza, vide fol 9;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CC xehed** (vide affidavit fol 15) illi l-partijiet izzewgu nhar il-25 ta' Gunju 2016, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Dejan Debono nhar l-14 ta Ottubru 2021. Xehed illi qatt ma kien

hemm rikonciljazzjoni bejniethom. Di piu' sostna illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**LB xehdet** (vide affidavit fol 18) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed Chetcuti.

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2022 il-kontendenti bil-gurament ikkonfermaw illi kienu ilhom jghixu separatament mill-5 ta' Gunju 2021.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati***

***b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Gunju 2016, liema zwieg jgib certifikat numru 1772/2016 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A, a fol 4). Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Dejan Debono nhar l-14 ta' Ottubru 2021 (vide kuntratt ta' separazzjoni, fol 5 et seqq.). Di piu', il-partijiet jikkonfermaw bil-gurament li kienu ilhom separati de facto mill-5 ta' Gunju 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1772/2016 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**